MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1417/2002/1

**Avviz Numru 1417/02 AJD**
**Edgar Bonnici Cachia**

**vs**

**Century Real Estate Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Jannar 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' sitt mitt Lira Maltin (Lm600.00) rapprezentanti pagi, 'petrol', telefonati u xoghol li l-attur ghamel mill-1 ta' April 2002 sal-10 ta' Mejju 2002.
B-ispejjes u bl-interessi kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:
1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi michuda kontra l-istess attur stante l-fatt illi l-ebda ammont ma huwa dovut mis-socjeta' konvenuta lill-attur.
2. Illi s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat lill-attur bhala 'property negotiator' fuq 'commission basis' u ma jezisti ebda ftehim dwar paga, 'petrol allowance' jew 'telephone allowance' hekk kif allegat mill-attur.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
4. Bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Ulrich Galea Medici, ta' Omar Xuereb, Frank Vassallo u Daria Grixti.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont li jifforma s-sorte fil-kawza odjerna jirrigwarda somma allegatament dovuta lill-attur ghal xoghol li huwa ghamel fi hdan is-socjeta' konvenuta bejn l-1 ta' April 2002 u l-10 ta' Gunju 2002 kif ukoll ghal 'petrol allowance' u spejjes ghal telefonati. Mix-xhieda tal-attur stess jirrizulta li huwa ma kienx impjegat mas-socjeta' konvenuta izda kien 'self employed' u kellu ftehim verbali mal-istess socjeta' konvenuta fis-sens li huwa kien jiprovdi servizzji ta' 'property negotiator' u ghal dan is-servizz kien intitolat erbghin fil-mija (40%) mill-hamsa fil-mija (5%) 'commission' fuq propjeta li tinbiegh. L-attur stess jammetti li tul il-perijodu li huwa dam jiprovdi dan is-servizz lis-socjeta' konvenuta ebda propjeta' li kellu x'jaqsam maghhahu ma nbieghet. Dan gie konfermat kemm mix-xhieda prodotti mill-attur stess, precizament minn Omar Xuereb, kif ukoll mix-xhieda prodotti mis-socjeta' konvenuta, u cioe' Frnak Vassallo u Daria Grixti. Ix-xhieda prodotti mill-attur ukoll xehedu li safejn kienu jafu huma l-attur ma kien intitolat ghall-ebda 'petrol allowance' jew ghal spejjes konnessi ma' telefonati.

Illi mill-provi prodotti miz-zewg partijiet irrizulta ampjament li t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati. L-attur ma ressaq ebda prova li tindika li huwa kien intitolat jircievi xi

forma ta’ kumpens minghand is-socjeta’ konvenuta ghas-servizzji minnu rezi, anzi huwa stess jammetti li l-ftehim kien li huwa jithallas biss kummissjoni fuq propjeta’ li tinbiegh.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-attur.

**Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------